KLR 54/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju 2017 fl-16.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**54.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara talba ġew approvati l-minuti KLR52/VII/2017 u KLR 53/VII/2017.

**54.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

54.2.1 Is-Sindku qal li l-parteċipazzjoni fit-Torneo Pro Delta del Po tħassret minħabba l-elezzjoni ġenerali pero ssuġġerixxa li l-Kunsill jirrijattiva l-ġemellaġġ. Il-membri qablu.

**54.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

54.3.1 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward mistoqsijet li jitrattaw problemi soċjali fil-komunita'. Fil-preżent il-Kunsill mhux qed jorganiżża attivitajiet soċjali;

54.3.2 it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar PA/07617/06 - *renewal of permission PA 896/11 – "to renew permission PA3256/05 – to replace underground fuel tank at existing petrol station"*. Il-Kunsill bħala konsulent estern ġie nfurmat li għandu dritt jattendi għas-seduta u jkun parti mis-smigħ ta' dan l-appell. Il-Kunsill qabel li l-Perit Scerri għandu jkunu preżenti għan-nom tal-Kunsill. Is-smigħ ser ikun fit-22 ta' Ġunju 2017.

54.3.3 it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar PA/00053/16 - *Change of use form garage to class 4D (Food and Drink Establishments where cooking is allowed) and to install proposed structure to enclose front garden* fi Triq Fortunato Mizzi. Il-Kunsill bħala konsulent estern ġie nfurmat li għandu dritt jattendi għas-seduta u jkun parti mis-smigħ ta' dan l-appell;

54.3.4 l-Av. Joseph Grech fejn talab n-*no objection* tal-Kunsill rigward PA 1663/16 li titratta proposta sabiex il-fond 8, Triq Repubblika, jinbidel fi djar tax-xjuħ ta’ 70 kamra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni;

54.3.5 l-OASI Foundation li ser torganizza l-attivita ‘Riflessi Sajfin’ fil-5 t’Awwissu 2017. Il-memebri qablu li l-Kunsill għandu jgħin lill-Oasi u joffri €154.35;

54.3.6 Angela Vella mill-*Lifelong Learning* fejn għarrfet lill-Kunsill bil-korsjijet li jsiru tal-induratura;

54.3.7 l-Ing. Mario Cauchi għan-nom ta’ WSC dwar konsum eċċessiv tal-ilma li hemm fil-latrina ta’ Triq Taħt Putirjal. Il-WSC qed jissuġġerixxu wkoll li l-kont tal-ilma ma jibqax f’isem id-Direttorat Proġetti u Żvilupp iżda jdur f’diejn il-Kunsill. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni fuq dan;

54.3.8 John Saliba għan-nom ta’ Tiġrija Palazz fejn qed jitlobu li l-bieb ta’ fejn jinżammu l-affarijiet tat-tindif tal-latrina jitressaq fil-ġenb biex jgħati inqas dehra kerha minħabba li ġieli jitħalla miftuħ. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jkun hemm aċċess għalih 24 siegħa kull jum;

54.3.9 il-Perit Guido Vella għan-nom ta’ Rowena Debrincat li qed titlob li tarma trakk bil-bejgħ tal-frott u ħaxix fil-parkeġġ il-kbir ta’ wara l-*bus terminus*. Fit-talba l-Perit kiteb li Debrincat ser tuża 60 metru kwadru mill-parkeġġ il-kbir. Il-Perit għandu jikkjarifika dan il-qies peress li fil-fehma tal-Kunsill dan hu eċċessiv.

54.3.10 Rigward il-*bins* il-blu li fih jinġabbru l-ħwejjeġ li jinsabu biswit il-*bring in-site* fil-parkeġġ il-kbir, il-membri qablu li jekk dawn ħa jibqgħu joħolqu problema ta’ rimi ta’ skart illegali, l-Kunsill jikkunsidra li jew ineħħihom għal-kollox jew jinbidlilhom il-post. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-persuna nkarigata minnhom ġiet mitluba ssib postijiet alternattivi fejn dawn jistgħu jitpoġġew.

54.3.11 Il-membri qablu li George Refalo li hu s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex jiġi nominat għall-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

54.3.12 Il-membri ġew mgħarrfa li nfetħu żewġ kawżi kontra l-Kunsill, waħda mill-Enemalta rigward *metre* tad-dawl li kien jissuplixxi l-elettriku lill-*Fairy Lights* tat-Tokk u l-oħra mill-Ministeru għal Għawdex rigward il-fondi ta’ eko-Għawdex li l-Minsitru kien għadda lill-kunsill fuq il-proġett tal-*playing field*.

54.3.13 Il-membri ġew mgħarrfa li l-LESA għaddiet €10,138.77 li hu l-pagament ta’ distribuzzjoni allokat lill-Kunsill fuq iċ-ċitazzjonijiet. Dan bi qbil ma l-Assoċjazzjoni tal-kunsilli Lokali.

54.3.14 Il-membri ġew mgħarrfa li d-Dipartiment għal Gvern Lokali għadda l-€5,000 li jkopru l-iskema tal-attivitajiet għall-attivita’ ta’ lejliet l-ewwel tas-sena li għaddiet. L-istess ammont ġie approvat għal-attivita’ ta’ din is-sena mill-*Cultural Activities Scheme*.

## 54.4 Monti

Is-Sindku qal li sar rikors għall-disprezz tal-Qorti meta twaħħlu l-marki fl-art fi Pjazza Savina. Josef Schembri tela' jixgħed għall-perojodu ta' meta kien Sindku. Sadanittant minn naħħa tad-Dipartiment tal-Liċenzi nħarġilhom il-permess sabiex għall-2017 il-bejjiegħa setgħu joperaw minn Pjazza Indipendenza. Dan ġie revokat mill-istess Dipartiment fl-1 t'April 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li wħud mill-bejjiegħa tal-monti resqu żewġ mandati kontra l-Kunsill. Dawn jirrigwardjaw din ir-revoka tal-permess.

Il-membri qablu li jekk il-mandat jinqata' favur il-Kunsill, għandu jitkompla x-xogħol tat-trasferiment tal-monti li jinkludi t-tpoġġija tal-*bollards* fi Pjazza Indipendenza. Dawn ma setghux jitpoġġew għax dan ix-xogħol ġie mpedit minħabba l-mandati li tressqu. Il-membri qablu wkoll li t-tabelli li kienu tpoġġew fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*, li kienu jindikaw l-postijiet fejn għandhom jarmaw tal-monti sakemm jitlesta l-proġett tal-ERDF, għandhom jitneħħew.

## 54.5 *Playing Field*

Il-membri ġew mgħarrfa li nbeda x-xogħol minn Gatt Group fuq il-bażi tal-konkos sabiex finalment jitpoġġa l-*fencing* mad-dawra tal-*playing field*. Tressqet ukoll stima tat-tiswija tal-ħsarat li saru fuq l-*equipment*. Din tammonta għall-€521.50. Il-membri qablu li t-tiswija ssir wara li jitlesta l-*fencing*.

## 54.6 Jum il-Belt Victoria

Is-Sindku qal li l-kunċert tal-Orkestra Filamonika Nazzjonali kien suċċess u l-Kunsill għandu jikkusidra li dan il-kunċert isir kull ħames snin sabiex dejjem jinżamm marbut ma' l-anniversarju ta' meta r-Rabat ingħata t-titlu ta' Belt Victoria.

Il-membri qablu li l-istudenti u l-għalliema tal-iskola Primarja tar-Rabat li ngħatat l-Onorefiċneza Ġieħ il-Belt Victoria għandhom jingħataw vowċer sabiex jiġbru mill-Kunsill kopja tal-ktieb li kien ippublika l-Kunsill – 'Victoria, A Portrait of a City'.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jgħin aktar fl-organiżżazzjoni tal-'Victoria International Arts Festival' peress li din is-sena hi l-għoxrin sena minn meta dan beda jiġi organiżżat. Għall-okkażjoni ġie mistieden il-kor tal-Kappella Sistina ġewwa l-Vatikan. Il-membri qablu.

## 54.7 Immaniġjar tat-Traffiku

Transport Malta (TM) ħarġet permess għall-:-

54.7.1 *communal disabled parking* fi Triq Ċetta Mintoff;
54.7.2 *un/loading bay* quddiem 'Duke' fi Triq Repubblika;
54.7.3 *un/loading bay* quddiem 'Spiteri Catering' fi Triq Santa Martha;
54.7.4 *un/loading bay* quddiem 'Silhouette' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II:
54.7.5 *un/loading bay* quddiem 'Il-Mehrież' fi Triq Qasam San Ġorġ;

54.7.6 *un/loading bay* quddiem 'Pitter Patter' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;
54.7.7 *un/loading bay* quddiem 'Raindrops' fi Triq Qasam San Ġorġ;
54.7.8 *un/loading bay* quddiem ' Casar Pet & Hobby shop' fi Triq Gedrin;
54.7.9 *traffic mirror* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
54.7.10 *traffic mirror* fi Triq il-Mitħna kantuniera ma Triq Santa Dminka;
54.7.11 *traffic mirror* fi Triq Għajn Qatet;
54.7.12 *double yellow line* quddiem residenzi privati fil-parkeġġ tal-Isptar;
54.7.13 *double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Marija Bambina' fi Triq Karolina Cauchi;
54.7.14 *one meter double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Narċis' fi Triq 31 ta' Marzu;
54.7.15 *one metre double yellow line* biswit il-garaxx u *no parking* għall-vetturi tqal fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
54.7.16 *traffic management* u *parking layout* f'taċ-Ċawla H.E.;
54.7.17 *1.5mtr keep clear* quddiem 62, Triq San Ġwann Bosco;
54.7.18 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 13, 'San Ġorġ', fi Triq Sir Arturo Mercieca. Dan wara li d-deċiżjoni ta' TM ġiet appellata mill-applikant.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall-:-

54.7.19 *un/laoding bay* quddiem 'The Photo Shop' fi Triq Fortunato Mizzi;
54.7.20 *double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Fleur d'Amour' fi Triq l-Universitas.

54.7.21 TM ma tistax taċċetta t-talba li għamel sid il-ħanut 'Pitter Patter' ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier sabiex din it-tirq tiġi nkluża fl-iskema tal-parkeġġ ikkontrolat.

**54.8 Skema tar-riċiklaġġ – GreenPak/ Green MT**

Wara li qabel il-laqgħa ġew mistiedna rappreżentanti kemm tal-Green Pak u kemm tal-Greenmt u wara li l-Kunsill ikkunsidra ż-żewġ *expression of interests* offruti, l-membri qablu li għal dawn is-sentejn li ġejjin l-Greenmt għandha toffri s-servizz tagħha lill-Kunsill fejn jidħol immaniġjar ta' skart riċiklat. Mal-kundizzjonijiet offruti għandu jiżdied li meta l-Kunsill ikun irid jintroduċi *CCTV camera* sabiex tissorvelja post, l-Greenmt tkun lesta li tpoġġiha.

**54.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Ġunju 2017 skont dokument A anness.

Tressaq kont ta' Gatt Tarmac Ltd rigward il-manutenzjoni li saret fl-*area* ta' fejn sar il-proġett tal-ERDF. Dan għandu jiġi ċertifiat mill-Perit.

**54.10 Xogħolijiet oħra**

54.10.1 Pjazza San Ġorġ:-

54.10.1.i Dwar it-tbidil tal-pjanta tat-tqegħid tal-imwejjed u s-sġġijiet fi Pjazza San Ġorġ, kiteb l-Av. Mario Scerri għan-nom ta' sid il-ħanut *Shop F* tal-istess Pjazza. Dan għandu jiġi

mgħarraf li l-Kunsill diġa' ħa deċiżjoni sabiex din il-pjanta tiġi mibdula u ġie mqabbad il-Perit biex ilesti l-pjanta għall-apporvazzjonijiet neċessarji;

54.10.1.ii Il-membri ġew mgħarrfa li ġie mgħoddi s-servizz tad-dawl lill-ħanut ta' Jane Tabone fi Pjazza San Ġorġ minħabba li bi zvista dan ma kienx sar meta kienet qed tiġi pavimentata l-pjazza. Il-madum tal-lava reġa' tpoġġa kif kien qabel;

54.10.1.iii Rigward iż-żieda tad-dawl fi Pjazza San Ġorġ il-membri qablu li jitrnaġaw il-bozzoz ta' taħt il-loġġoġ, jitranġaw il-bozzoz li jagħtu d-dawl fuq il-faċċata tal-knisja u tiġi studjata l-alternattiva li minflok id-dawl li hemm ma l-art isir dawl simili ta' dawk li jgħatu fuq il-faċċata tal-knisja imma li jkunu juru għan-nofs tal-pjazza. Dan ser jigi suġġerit lill-enġiniera tad-dawl;

54.10.1.iv Il-Perit Mario Cordina għandu jiġi kkuntajat sabiex titranġa l-parti taċ-ċirku tan-nofs li qed iżżomm l-ilma;

54.10.1.v 'Road Construction' għandu jieħdu ħsieb jeħilsu l-gradi tal-ħadid li minnhom jgħaddi l-ilma tax-xita. Sadanittant il-*culverts* ta' Pjazza San Ġorġ, it-Tokk u Pjazza Savina ġew kollha mnaddfa.

54.10.2 Dawl tat-toroq:-

54.10.2.i Dwar in-nuqqas ta' dawl fi Triq Sant Ursola, l-membri qablu li teħel il-bozza mad-dar 58, 'St. Joseph', peress li s-sid qabel li teħel. Sadanittant għandha tintbgħat ittra lir-residenti kollha tat-triq sabiex il-Kunsill ikun jaf min jaċċetta li jeħlu aktar bozzoz ġodda;

54.10.2.ii Tressaq il-BOQ tal-bozza ġdida li għandha teħel fuq arblu fi Triq Ġuże' Micallef. L-ispiża hi ta' €883.25. il-membri qablu li x-xogħol isir;

54.10.2.iii Il-membri qablu li tiżdied bozzaa fi Triq Repubblika l-isfel mill-Kurja. Għandu jintalab il-kunsens ta' sid id-dar 133 sabiex jekk jaqbel din teħel mal-propjeta' tiegħu;

54.10.2.iv Il-membri qablu li ssir bozza fuq arblu eżistenti fi Triq Wied is-Seqer kantuniera ma Triq Mattia Preti.

54.10.3 Il-membri qablu li jiġi rappurtat lill-Gvern Ċentrali sabiex jitranġaw il-bankini f'taċ-Ċawla H.E. madwar block HA, HB, KA u KB (fejn blokk B). Din iċ-ċangatura ilha li saret mill-1971. Il-Kunsill kien irranġa diversi bankini f'dan il-*Housing Estate* pero' kienu saru minn fondi ta' skemi provduti mill-Gvern Ċentrali.

54.10.4 Rigward l-offerta VLC/01/2017 – *Cleaning of Unattended Public Conveniences*, tressaq ir-rapport tal-bord li qed jissuġġerixxi li l-offerta tingħata lill-Jason Farruġia. Il-membri qablu mas-suġġeriment tal-bord.

54.10.5 Rigward l-offerta VLD/2/2017 – *Tender for the carrying out of a survery and respective analysis in relaton to the project "ERDF 249: Setting of an integral archaeological*

*and historical trial in Victoria,* tressaq ir-rapport tal-bord li qed jissuġġerixxi li l-offerta tingħata lill-'Communique Ltd.' Il-membri qablu mas-suġġeriment tal-bord.

**54.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Lulju fis-19.15.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv